

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Restrizzjonijiet Fuq Is-suċċessjonijiet – Regoli Speċjali](#) > [Romania](#)

Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali

 Rumanija

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f'dan l-Istat Membru?

Iva.

Il-liġi Rumena tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali li jikkonċernaw l-akkwiżizzjoni tad-dritt tas-sjeda ta' art li tinsab fir-Rumanija.

Pereżempju, il-Konstituzzjoni Rumena u r-regoli legali rilevanti jistabbilixxu li l-barranin u l-persuni apolidi jistgħu jakkwistaw id-dritt tas-sjeda privata ta' art biss taħt il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea u minn trattati internazzjonali oħrajn li r-Rumanija hija parti fihom, fuq bażi reċiproka u taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, jew permezz ta' wirt legali. Dawn il-persuni ma jistgħux jakkwistaw id-dritt tas-sjeda ta' art permezz ta' wirt testamentarju.

Barra minn hekk, hemm dispożizzjonijiet regolatorji speċjali li jirregolaw ċerti kategoriji ta' oġġetti. Dawn japplikaw irrispettivament miċ-ċittadinanza tal-benefiċjarju jew minn jekk il-wirt huwiex legali jew testamentarju. Pereżempju, id-drittijiet tal-awtur jiġu trażmessi permezz ta' wirt skont il-leġiżlazzjoni ċivili għal perjodu ta' 70 sena, irrispettivament mid-data li fiha x-xogħol ikun għie ppubblikat legalment.

2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?

Iva.

3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?

Saret dispożizzjoni legali espliċita għall-projbizzjoni.

L-aħħar aġġornament: 01/08/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-

servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.